Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 445 / 2017

Il-Pulizja

Spettur James Grech

Spettur Spiridione Zammit

Spettur Roderick Agius

Vs

Stephen Borg

Antonella Vella

Illum 6 ta' Frar, 2020,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Stephen Borg, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 155778M u Antonella Vella, detentrici tal-Karta tal-identita Maltija bin-numru 405784M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli:

Fil-lejl ta' bejn it-23 ta' Settembru 2013 u 24 ta' Settembru 2013 gewwa l-Fgura, Rahal Gdid, Hal Qormi u/ jew f'postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhom anki jekk fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda;

1) Ikkommettew serq ta' vettura ta' l-ghamla Daihatsu Terios bin-numru tar-registrazzjoni ABO327 u vettura ta' l-ghamla Smart bin-numru tar-registrazzjoni JBR667 minn gewwa garaxx numru 4, Triq Mandion, Fgura

liema serq huwa kwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37, bil-hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa, ghad-detriment ta' John Mary Falzon u Roderick Falzon u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

2) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' bieb ta' garaxx numru 4 sitwat Triq Mandion, Fgura liema hsara tammonta ghal aktar minn €166.47 ghad-dannu ta' John Mary Falzon u Roderick Falzon u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

3) U aktar talli matul l-istess lejl minn gewwa Triq id-Dejma, Hal Tarxien ikkommettew serq ta' vettura ta' l-ghamla Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni LAU669 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont €2,329.37 bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' John Hayes u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

4) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura ta' l-ghamla Peugeot 106 bin-numru tar-registrazzjoni LAU669 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' John Hayes u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

5) U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq Romano Carapecchia, Fgura bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn gewwa garaxx bin-numru 13, Triq Romano Carapecchia, Fgura, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li jeccedi l-ammont ta' €2,329.37 u bil-hin ghad-detriment ta' George Mifsud u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

6) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq bieb ta' garaxx numru 13 sitwat fi Triq Romano Carapecchia, Fgura liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' George Mifsud u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

7) U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq Cospicua, Fgura, ikkommettew serq ta' stereo u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Renault bin-numru tar-registrazzjoni EBO104 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' John Baptist Mallia u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

8) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Renault bin-numru tar-registrazzjoni EBO104 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' John Baptist Mallia u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

9) Akkuzati wkoll talli matul l-istess lejl gewwa Triq Cospicua, Fgura, ikkommettew serq ta' stereo u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tar-registrazzjoni BBT134 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' Sandro (Alessandro) Galea u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

10) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Toyota Ractis bin-numru tar-registrazzjoni BBT134 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Sandro (Alessandro) Galea u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

11) U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq Cospicua, Fgura, ikkommettew serq ta' stereo u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Kia Avella bin-numru tar-registrazzjoni JBQ994 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' Philip Attard u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

12) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Kia Avella bin-numru tar-registrazzjoni KBQ994 liema hsara

tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Philip Attard u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

13) U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq Cospicua, Fgura, ikkommettew serq ta' stereo u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Citroen Saxo bin-numru tar-registrazzjoni LCB126 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' Felicia Grech u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

14) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Citroen Saxo bin-numru tar-registrazzjoni LCB126 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Felicia Grech u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

15) U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq Cospicua, Fgura, ikkommettew serq ta' stereo u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota Yaris bin-numru tar-registrazzjoni IBI868 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' Keith Casaletto u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

16) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Toyota Yaris bin-numru tar-registrazzjoni IBI868 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Keith Casaletto u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

17) U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq id-Dejma, Fgura, ikkommettew serq ta' stereo u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Suzuki Samurai bin-numru tar-registrazzjoni FAG067 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' Grazio Micallef u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

18) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Suzuki Samurai bin-numru tar-registrazzjoni FAG067 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Grazio Micallef u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

19) U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Hal-Qormi , ikkommettew serq ta' stereo u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni ABI864 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' Caroline Calleja u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

20) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni ABI864 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Caroline Calleja u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

21) U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq id-Dejma, Hal-Tarxien bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn vettura ghamla Fiat Punto numru tar-registrazzjoni JBE341, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37 u bil-hin ghad-detriment ta' Maria Dolores Bonnici u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

22) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni JBE341 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Maria Dolores Bonnici u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

23) U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Triq Agostino Randon, Hal-Tarxien, ikkommettew serq ta' diversi oggetti minn gewwa vettura tal-ghamla Opel

Astra bin-numru tar-registrazzjoni VIN031 liema serq huwa kkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-Hin u bix-Xorta tal-Haga Misruqa ghad-detriment ta' Vincent Sammut u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

24) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Opel Astra bin-numru tar-registrazzjoni VIN031 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Vincent Sammut u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

25) U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Hal Qormi bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn vettura ghamla Renault Laguna numru tar-registrazzjoni LCP678, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37, bil-hin u bix-Xorta tal-aga Misruqa ghad-detriment ta' Carmelo Bianco u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

26) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Renault Laguna bin-numru tar-registrazzjoni LCP678 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Carmelo Bianco u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

27) U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Hal Qormi bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn vettura ghamla Peugeot 406 numru tar-registrazzjoni GBD574, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37 u bil-hin ghad-detriment ta' Carmelo Micallef u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

28) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura

tal-ghamla Peugeot 406 bin-numru tar-registrazzjoni GBD574 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Carmelo Micallef u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

29) U aktar talli matul l-istess lejl gewwa Hal Qormi bil-hsieb li jaghmlu delitt ta' serq minn vettura ghamla Peugeot 607 numru tar-registrazzjoni BCA013, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta taghhom, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Valur li ma jeccedix l-ammont ta' €2,329.37 u bil-hin ghad-detriment ta' Norbert Bajada u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

30) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Peugeot 607 bin-numru tar-registrazzjoni BCA013 liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' Norbert Bajada u/jew persuna/i u/jew entita jew entitajiet ohra;

31) U aktar talli matul l-istess lejl volontarjament hassru u/jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fuq vettura tal-ghamla Toyota minghajr numru tar-registrazzjoni liema hsara tammonta ghal aktar minn €116.47 ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa;

32) U aktar talli matul l-istess lejl, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement, b'kull mod indahhlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

33) U aktar talli matul l-istess lejl, wara li kienu gew ikkundannati f'Malta ghal serq jew ricettazzjoni, instabu fil-pussess ta' mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghall-ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew instabu ghandhom forom ta' serraturi, minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu instabu ghandhom f'dak iz-zmien;

Lil Antonella Vella waheda akkuzata wkoll talli:

34) B'hekk ikkommettiet reat ta' natura volontarja waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn imposta fuqa mill-Qorti tal-

Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D. nhar it-8 ta' Lulju 2013;

35) U aktar talli ghamlet reat ta' natura volontarja waqt perjodu operattiv ta' Conditional Discharge ghal zmien sena mposta fuqa mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrati Dr. A. Mizzi LL.D. nhar it-8 ta' Mejju 2013;

36) U aktar talli kisret il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqa mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D fit-28 ta' Mejju 2013 u dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnata li taghmel mill-istess Qrati;

Lil Stephen Borg wahdu akkuzat ukoll talli:

37) Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman LL.D fis-7 ta' Lulju 2009 u dan taht depozitu ta' €3,000 u garanzija personali ta' €30,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati;

38) Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrati Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D fit-28 ta' Mejju 2013 u dan taht garanzija personali ta' €10,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat jaghmel mill-istess Qrati;

39) B'hekk kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. Tonio Micallef Trigona LL.D fit-3 ta' Settembru 2013 u dan taht garanzija personali ta' €5,000 fost kundizzjonijiet ohra kif ordnat li jaghmel mill-istess Qrati.

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma Stephen Borg u Antonella Vella bhala recidivi ta' sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-Ligi, tordna r-revoka tad-digriet li bihom Stephen Borg u Antonella Vella inghataw il-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmija mputati

kif ukoll tordna li s-sommom bhala depoziti u garanziji personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar tas-26 t'Ottubru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 625, 267, 270, 271, 278, 279(a), 279(b), 280, 287, 289, 325, 334 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-imputati kollha;

L-Artikoli 28B u 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 23 u 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal Antonella Vella wahedha; u

L-Artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal Stephen Borg wahdu;

Il-Qorti sabet lill-imsemmija imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannathom ghal sitt snin prigunerija kull wiehed.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Stephen Borg u Antonella Vella, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-6 ta' Novembru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti ai finijiet ta' ħtija iżda tvarja s-sentenza ai finijiet ta' piena u dana billi tingħata piena aktar xierqa u li tirrifletti ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz odjern.
Rat illi l-aggravji huma s-segwenti:

1. Illi l-appellanti umilment qed jinterponu dan l-Appell, u dana limitatament dwar il-piena nflitta fuqhom. L-appellanti jikkontendu li l-piena inflitta fuqhom kellha tkun waħda ferm aktar miti u li tirrifletti ċ-ċirkostanza kollha tal-kaz odjern;

2. Illi, in oltre, l-appellanti jikkontendu li l-Ewwel Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi meta kienet qedgħa tirrifletti dwar il-piena in kwistjoni:

a) Il-fatt li l-appellanti rreġistraw ammissjoni bikrija;

b) Il-fatt li l-appellanti kkoperaw bi sħiħ mal-Pulizija kif irrimarkat fis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti;

c) Il-fatt li l-appellant huma dipendenti fuq id-droga u għalhekk għandhom jingħataw kull għajnuna possibli sabiex joħorġu minn dan il-viżżju u darba għal dejjem jaqbdu t-triq it-tajba u jirreintegraw ruħhom fis-soċjetà.

3. L-appellanti jħossuhom inġurjati b'dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Dan għaliex l-Ewwel Qorti qalet: "Rinfaccati b'dawn il-provi tal-Prosekuzzjoni u b'silenzju assolut mill-imputati, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibhom hatja tal-akkuzi kollha miguba kontrihom." (enfasi u sottolinear tal-appellanti). Fil-kamp kriminali, id-dritt li akkużat ma jitkellimx huwa dritt sagrosant sanċit kemm bid-dritt u anki bil-ġurisprudenza. Għalhekk, li ssir inferenza li għaliex l-appellanti ma tkelmux li l-Ewwel Qorti kellha bilfors issib lill-appellanti ħatja hija ta' preġudizzju għalihom u ssaħħaħ il-veduta tagħhom li l-piena li ġiet inflitta fuqhom hija waħda għolja u li mhijiex miti għaċ-ċirkostanzi tal-kas u taċ-ċirkostanzi personali tagħhom.

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-imputati tressqu quddiem il-Qorti mixlija b'numru ta' imputazzjonijiet rigwardanti serqiet, ricettazzjoni, hsara u imputazzjonijiet ohra relatati mar-reat tas-serq li gew kommessi fil-lejl ta' bejn it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) u l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013). L-imputati gew mixlija ukoll li kisru l-kundizzjonijiet ta' digrieti ta' helsien mill-arrest, filwaqt li Antonella Vella giet anke mixlija li ikkommetitet reat ta' natura volontarja waqt perjodu operativ ta' sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn u anke waqt perjodu operattiv ta' *Conditional Discharge* ghal zmien sena. Il-Qorti kienet anke mitluba li titratta mal-akkuzati bhala recedivi. L-Ewwel Qorti sabet htija tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-

imputati u kemm l-Avukat Generali u anke l-akkuzati appellaw mill-piena imposta mill-Ewwel Qorti. F'din is-sentenza, din il-Qorti sejra tqis l-appell tal-akkuzati.

Izda qabel ma taghmel dan, fl-ewwel lok, din il-Qorti tissottolinea li ghalkemm fil-parti disposittiva tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti indikat l-artikolu 625 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa evidenti li dan kien lapsus calami, fejn il-Qorti kienet qieghda tirreferi ghall-artikolu 265 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 265 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jikkontemplax reat izda huwa biss artikolu bit-tifsira ta' '*imfietah foloz*' u ghalhekk il-fatt li l-Ewwel Qorti indikat l-artikolu 625 minflokk l-artikolu 265 tal-Ligijiet ta' Malta ma jrendix is-sentenza appellata nulla stante li l-Qorti fis-sentenza appellata indikat l-artikoli kollha li jikkontemplaw ir-reati li taghhom sabet htija.

L-appell tal-appellanti Antonella Vella u Stephen Borg huwa limitat ghal piena imposta fuqhom mill-Ewwel Qorti u ghalhekk mhumiex jappellaw mill-htija misjuba mill-Ewwel Qorti.

Skont l-appellanti, l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu in kwistjoni l-fatt li l-appellanti rregistraw ammissjoni bikrija, il-fatt li huma kkoperaw bi shih mal-Pulizija, il-fatt li l-appellanti huma dipendenti fuq id-droga u ghalhekk ghandhom jinghataw kull ghajnuna possibli sabiex johorgu minn dan il-vizzju u darba ghal dejjem jaqbdu t-triq it-tajba u jirrintegraw ruhhom fis-socjeta. L-appellanti hassewhom aggravati ukoll mill-fatt li l-Ewwel Qorti kkummentat dwar '*is-silenzju assolut mill-imputati*' u ghalhekk fl-appell taghhom jaghmlu sottomissjonijiet dwar id-dritt sagrosant tal-akkuzat li ma jitkellimx. Dwar dan l-ahhar punt jirrizulta li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata fil-kunsiderazzjonijiet taghha wara li qieset il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ikkunsidrat ukoll li '*Rinfaccati b'dawn il-provi tal-Prosekuzzjoni u b'silenzju assolut mill-imputati, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssibhom hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontrihom.*' Ghalhekk certament li l-Qorti ma sabitx htija abbazi tal-fatt li l-appellanti ezercitaw id-dritt taghhom ta' silenzju quddiem l-Ewwel Qorti izda abbazi ta' provi migjuba mill-Prosekuzzjoni. Mhuwiex minnu dak li jissottomettu l-akkuzati li saret inferenza li ghaliex l-appellanti ma tkellmux, l-Ewwel Qorti kellha bilfors issibhom hatja. Din il-Qorti gialadarba l-appell tal-akkuzati huwa limitat dwar il-piena imposta mill-Ewwel Qorti, ma thoss li ghandha tikkunsidra oltre' dwar dan is-sottomissjoni maghmulha fl-appell.

Minkejja li l-appellanti jissottomettu fl-appell taghhom li huma kienu rregistraw ammissjoni bikrija, dan ma jirrizultax mill-atti. Mill-istqarrijiet rilaxxati mill-appellanti jirrizulta li kienu sa certu punt ikkoperaw in parte mal-Pulizija, ghalkemm mit-twegibiet ta' Antonella Vella jirrizulta li ma kkoperatx daqstant. Stephen Borg fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-istqarrija immarkati bhala Dok JG3 a fol 101 et sequitur u ohra rilaxxata fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) immarkata bhala Dok JG5 a fol 106 et sequitur kien *in parte* ammetta l-involviment tieghu fir-reati, ghalkemm kien anke ghamel allegazzjonijiet ohra fosthom dwar terza persuna li huwa ma riedx jaghti l-isem taghha u qal li kien hemm postijiet li ma seraqx minnhom hu. Fl-istqarrija ta' Antonella Vella datata l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) immarkata bhala Dok JG4 a fol 103 et sequitur ma ammetietx ghal dak kollu allegat ghalkemm ikkonfermat li kienet mal-appellant Stephen Borg fil-lejl in kwistjoni u stqarret dwar il-vetturi li ttiehdu. Ghalkemm dawn l-istqarrijiet gew rilaxxati fi zmien meta l-akkuzati ma kellhomx id-dritt li jkollhom Avukat prezenti matul it-tehid tal-istqarrijiet izda kellhom dritt li jikkonsultaw ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija, liema dritt huma rrinunzjaw ghalih, mill-atti ma jirrizultax li l-appellanti ikkontestaw l-ammissibilta' ta' dawn l-istqarriji. Ghalhekk tali provi hija wkoll ammissibbli u ghalhekk din il-Qorti tikkunsidrahom bhala prova li l-imputati in parte ikkoperaw mal-Pulizija ghalkemm mhux totalment skont kif jirrizulta mit-twegibijiet moghtija fl-istqarrijiet. Minkejja dan, meta l-imputati gew imressqa l-Qorti, huma wiegbu li mhumiex hatja u fl-ebda hin matul il-proceduri ma rregistraw ammissjoni. Kien biss fl-istadju tal-appell li huma ma appellawx mill-htija izda appellaw biss mill-piena. In oltre' din il-Qorti lanqas ma tista tinjora l-fatt li nstabu fil-pussess ta' vetturi u oggetti mehuda minn vetturi meta gew arrestati mill-Pulizija.

Jirrizulta li l-Ewwel Qorti meta giet biex tinfliggi l-piena ikkunsidrat numru ta' fatturi u cioe' l-fatt li l-imputati huma akkuzati bl-addebitu tar-recidiva, il-konkors tar-reati u ta' piena, il-fedina penali taghhom u tenut kont li r-reati ta' hsara volontarja moghtija lill-imputati kien mezz ghal fini tar-reat ta' serq. L-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-piena minima li tista' taghti l-Qorti hija dik ta' sitt (6) snin prigunerija li fil-fehma tal-Ewwel Qorti hija l-piena idonea ghal dan il-kaz.

Din il-Qorti ma tistax ma temfasizzax il-fatt li l-appellanti ma nstabux hatja ta' serqa wahda izda ta' ammont kbir ta' serq li sehh fl-istess lejl fost reati abbinati ma' dan is-serq tant li jirrizulta ukoll li sabiex sehhew dawn is-serqiet, gew kommessi anka hsarat fuq vetturi u fuq garaxx. In oltre' jirrizulta ukoll li mhux biss ma ghandhomx fedina penali netta izda jirrizulta li l-Ewwel Qorti sabithom hatja tal-addebitu tar-recediva kif ukol li dawn ir-reati gew kommessi waqt li huma kienu jinsabu fuq liberta' provizorja ghalhekk dak li kkommettew kien anke ta' disrispett lejn l-Awtorita' tal-Qrati u f'kaz ta' Antonella Vella gie misjuba hatja anke li kkommettet ir-reati waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u ta' *conditional discharge.*

Din il-Qorti izda lanqas tista' ma tiehux kont tal-fatt li jirrizulta mir-rapporti tal-Ufficjali tal-Probation li l-appellanti ghandhom il-vizzju gherriedi tad-droga, liema vizzju wassal lill-appellanti biex jiehdu din it-triq. Din il-Qorti izda tqis li minkejja li l-imputati inghataw diversi cansijiet mill-Qrati, huma naqsu milli juzufruxxu ruhu minnhom. Ir-rapporti tal-Ufficjali tal-Probation jinsabu a fol 455 et sequitur u 472 et sequitur. L-Ufficjal tal-Probation Rona Custo fis-seduta tad-disgha (9) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) quddiem l-Ewwel Qorti xehdet rigwardanti Antonella Vella li l-izjed fattur li spikka matul il-kumpilazzjoni tar-rapport kien l-abbuz tad-droga, tant li tghid lli l-imputata Antonella Vella ila tesperimenta bid-droga minn meta kellha sittax (16) il-sena. Spjegat fost affarijiet ohra li fl-elfejn u tlettax (2013) meta nghatat ordni ta' supervizjoni ma' sentenza sospiza, l-imputata kienet tigi ghall-appuntamenti u t-testijiet tal-urina kienu jirrizultaw fin-negattiv. Tghid li ghamlet zmien bdiet tfalli l-appuntamenti. Spjegat li pruvaw jindirizzaw din il-problema tad-droga pero' ma kinitx turi koperazzjoni f'dan il-fattur. Xehdet li l-imputata tammetti li ghada taghmel uzu mill-kokaina u l-eroina u li sar kuntatt ma' Dr Tonna li kkonferma li l-imputata qatt ma uriet motivazzjoni tindirizza din il-problema u li prezentement l-imputata qieghda ssostni li tixtieq tindirizza din il-problema permezz ta' program residenzjali. Sar kuntatt mal-Caritas pero' l-imputata attendiet biss appuntament wiehed s'issa. Fis-*Social Inquiry Report* li jinsab a fol 455 et sequitur dwar l-imputata Antonella Vella bhala pjan ta' kura tnizzel li ghandha tkompli l-kuntatt mal-Caritas sabiex tigi esplorata l-possibilita' li hija ssegwi programm residenzjali kontra l-abbuz tad-droga sabiex tigi indirizzata b'mod konkret din il-problema. Skont is-*Social Inquiry Report* prezentat fir-rigward ta'

Stephen Borg a fol 472 et sequitur jirrizulta li l-imputat Stephen Borg kellu l-ewwel kuntatt mad-droga meta kellu madwar sittax (16)-il sena. Jirrizulta li fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-Ufficjal tal-Probation staqsa ghal kampjun tal-urina izda l-imputat ammetta li jinsab pozittiv ghad-droga filwaqt li fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-imputat Stephen Borg issottometta ruhu ghal test tal-urina gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole u dan irrizulta pozittiv ghall-eroina u l-kokaina. Bhala pjan ta' kura, gie suggeriet mill-Ufficjal tal-Probation Glen Grixtri fir-rapport esebit li l-imputat Stephen Borg jimpenja ruhu bis-serjeta' u jattendi b'mod regolari ghall-appuntamenti gewwa l-Caritas, gewwa l-Ufficju tad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole, kif ukoll mat-tabib tad-Detox, filwaqt li jikkopera bis-shih mal-professjonisti involuti. Dan il-pjan ghand jghin lill-imputat jeghleb il-vizzju tad-droga filwaqt li jzomm lura mill-hajja kriminali.

Din il-Qorti tenut kont tal-imputazzjonijiet voluminuzi li l-imputati instabu hatja taghhom ma tikkunsidrax il-piena ta' sitt (6) snin prigunerija imposta mill-Ewwel Qorti bhala esagerata izda sejra taghmel rakkomandazzjonijiet lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex l-imputati jinghataw l-ghajnuna kollha possibli sabiex jghelbu l-vizzju tad-droga u tigi esplorata l-possibilita' li jinghaqdu f'program ta' rijabilitazzjoni ta' kontra droga waqt li jkunu qeghdin jiskontaw is-sentenza.

Din il-Qorti izzid li fil-konfront ta' Antonella Vella ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza deciza kontestwalment u cioe' l-appell tal-Avukat Generali bin-numru 459/2017, din il-Qorti qieghda trendi effettiva s-sentenza sospiza mertu tal-imputazzjoni numru erbgha u tletin (34) u cioe' dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kif preseduta mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit fit-tmienja (8) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u ghalhekk is-sena prigunerija imposta permezz ta' dik is-sentenza qieghda tidhol fis-sehh, ghalhekk Antonella Vella qieghda tigi kkundannata piena ta' prigunerija effettiva globali ta' seba' (7) snin prigunerija.

In oltre' in vista tal-appell tal-Avukat Generali, din il-Qorti qieghda tirrevoka d-digrieti ta' helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-hatja fil-proceduri mertu tad-digrieti ta' helsien mill-arrest imsemmija fl-imputazzjonijiet enumerati sitta u tletin (36), sebgha u tletin (37) u tmienja u tletin (38) izda mhux tad-digriet ta' helsien mill-arrest mertu tal-imputazzjoni enumerata disgha u tletin (39).

Din il-Qorti sejra anke tordna li l-ispejjez tal-esperti indikati fil-parti konklussiva ta' din is-sentenza *ai termini* tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jithallsu nofs minn Antonella Vella u nofs minn Stephen Borg u dan fiz-zmien sena mil-lum. F'kaz li xi ammont jibqa' mhux imhallas, dan jigi konvertit f'prigunerija skont il-ligi.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tal-akkuzati u filwaqt li tikkonferma l-htija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Antonella Vella u Stephen Borg kif ukoll il-piena ta' sitt (6) snin prigunerija, qieghda tirrevoka d-digrieti ta' helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid tal-hatja fil-proceduri mertu tad-digrieti ta' helsien mill-arrest imsemmija fl-imputazzjonijiet enumerati sitta u tletin (36), sebgha u tletin (37) u tmienja u tletin (38) izda mhux tad-digriet ta' helsien mill-arrest mertu tal-imputazzjoni enumerata disgha u tletin (39). In oltre', din il-Qorti qieghda trendi effettiv is-sena prigunerija sospiza mertu tal-imputazzjoni numru erbgha u tletin (34) fil-konfront ta' Antonella Vella moghtija mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit biex b'hekk Antonella Vella qieghda tigi kkundannata t-terminu totali ta' seba' (7) snin prigunerija.

Din il-Qorti qieghda *ai termini* ta' dak deciz fis-sentenza dwar l-appell tal-Avukat Generali deciz kontestwalment bin-numru 459/2017, tordna ukoll lill-imputati Antonella Vella u Stephen Borg sabiex ihallsu l-ispejjez tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jammontaw ghal  sebat'elef, tlett mija u hmistax-il ewro u tmienja u disghin centezmu (€7,315.98) konsistenti fl-ispejjez relatati mal-hatra tal-Perit Elena Borg Costanzi[1] ammontanti ghal erba' mija, tlieta u disghin ewro u sitt centezmi (€493.06), l-ispejjez relatati mal-hatra tal-Avukat Dr Martin Bajada, liema relazzjoni hija mmarkata bhala Dok MB1[2] ammontanti ghal hames mija u tmienja u disghin ewro u tmienja u erbghin centezmi (€598.48) u l-spejjez relatati mal-hatra ta' Dr Marisa Cassar[3] ammontanti ghal sitt'elef, mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u erbgha u erbghin centezmi (€6,224.44). Nofs dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-akkuzat Stephen Borg u n-nofs l-iehor mill-akkuzata Antonella Vella u dan fi zmien sena mil-lum. Fin-nuqqas li xi ammont jibqa' mhux imhallas, dan jigi konvertit f'prigunerija skont il-ligi.

---

[1] Relazzjoni mmarkata bhala ECB a fol 204 et sequitur
[2] Relazzjoni mmarkata bhala Dok MB1 a fol 308 et sequitur
[3] Relazzjoni immarkata bhala Dok MC1 a fol 321 et sequitur

Din il-Qorti qieghda tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-appellanti Antonella Vella u Stephen Borg jinghataw l-ghajnuna kollha possibli sabiex jghelbu l-vizzju tad-droga u tigi esplorata l-possibilta' li l-hatja jinghaqdu f'program ta' rijabilitazzjoni ta' kontra d-droga waqt li jkunu qieghdin jiskontaw is-sentenza.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur